**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 24 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Dylan Micallef**

**Illum 25 ta' Jannar 2023**

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti Dylan Micallef, iben missier mhux magħruf u Helen Taliana imwieled il-Pieta', nhar l-24 ta' Jannar, 1994, u joqgħod 'St. Peter', flat 2, Triq Dun Mikiel Callus, Rabat, Malta, detentur tal-karta tal-identita' 69794 M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talli:[1]

Nhar id-9 ta' Lulju 2018, għall-ħabta ta' 11.20 ta' fil-għaxija, waqt li kien qiegħed fi Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Għawdex:

1. B' nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b' nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti involontarjament ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta'

[1] Fol.27-28. Fol.163-164

Mariano Azzopardi (K.I.7558G) skont kif iċċertifikat Dr. Marlene Attard M.D. (Med. Reg. 1853) mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, *ai termini tal-Artikolu 226 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti involontarjament ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Grech (K.I. 3767 G) skont kif iċċertifikat Dott. Melanie Farrugia M.D. (Med. Reg. 4119) mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex *ai termini tal-Artikolu 226 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti involontarjament ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Daniel Mercieca skont kif iċċertifikat Dott. Melanie Farrugia M.D. (Med. Reg. 4119) mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex *ai termini tal-artikolu 226 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġiegħel annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn ai termini tal-artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żamm annimali għandu mingħajr ma' kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom ai termini tal-artikolu 8 (3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta'

annimali li huwa responsabbli għalihom, jew li jaqbel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benessere tal-annimali ai termini tal-artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ta' nhar it-2 ta' Settembru, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31 u 226 (1) (a) (b) (c) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikoli 8 (2) (3) (4) u 45 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha u kkundannatu għal **għoxrin (20) xahar priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal żmien tlett snin mil-lum u **multa ta' ħamest elef ewro (€5,000)** li għandhom jitħallsu fi żmien sentejn mil-lum, ratejament b'pagamenti mensili.

Tenut kont li dan ir-reat seħħ fl-2018 u qabel l-emendi għall-artikolu 45 (1) (b) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta introdotti bl-*Att XXXIX* tal-2021, fejn illum Qorti tista' tordna li imputat jiġi projbit milli jżomm annimali fil-futur, il-Qorti hi prekluża milli tagħmel ordni simili.[3]

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ordnat lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€846.51c** rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

---

[2] Vide Fol.183

[3] "Iżda meta persuna tinstab ħatja ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jkun jikkonsisti f' moħqrija tal-annimali, il-qorti tista' meta tqis li jkun xieraq, b'żieda mal-piena, tipprojbixxi lill-persuna misjuba ħatja milli żżomm annimali jew milli tirrisjedi f'post fejn jinżammu annimali għal dak iż-żmien li jista' jkun stabbilit mill-qorti."

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u minn eżami tal-istess jirriżulta li hija waħda nadifa mingħajr ebda tebgħa ta' reat jew kontravenzjoni reġistrat fuqha.

Rat ir-rikors tal-appellanti Dylan Micallef minnu ppreżentat fl-14 ta' Settembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha:

- tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi, u tiddikjara nuqqas ta' ħtija fl-appellant u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat illi l-aggravji tal-imputat huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;

**I. Il-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova.**

Jirriżulta, u dana anke mill-qari tas-sentenza mogħtija, illi l-prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova u cioe' d-diversi CCTV cameras li hemm fil-post u li setgħet, oltre kull dubju dettat mir-raġuni ċċaraw is-sitwazzjoni. Tant hu hekk li saħansitra anke l-Ewwel Onorabbli Qorti tikkummenta fid-deċizjoni tagħha illi:

> *Finalment jiġi osservat ukoll li kieku l-pulizija indenjat ruħha tiġbor il-filmati mis-cctvs li jkopru dik il-parti tat-triq, il-fatti kienu jirriżultaw ferm aktar kmieni u possibbilment dan kien jissarraf f' ekonomija kemm fiż-żmien ta' dawn il-proceduri kif ukoll fi spejjeż li tali proċediment ġie jiswa lil erarju Malti!*

Dan il-fatt, speċjalment fil-kamp kriminali ma jista' qatt jittieħed b'mod leġġer u di fatti huwa fatt gravi u serju fejn bniedem innoċenti nstab ħati minħabba l-fatt li l-provi li kienu jeżistu ma ġewx preservati skont il-liġi.

In-nuqqas tal-prosekuzzjoni wassal sabiex l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tagħmel ħafna konġenturi biex tipprova tasal għall-identifikazzjoni tal-imputat – ħaġa li umilment ma seħħet **<u>qatt u bl-ebda mod</u>** matul is-smiegħ tal-kawża. Wieħed irid ukoll jiftakar illi hemm żewġ verżjonijiet totalment kontrastanti iżda l-Ewwel Onorabbli Qorti tagħżel li ma temminx xhieda li taw il-verżjoni tagħhom bl-iktar mod ċar iżda temmen xhieda oħrajn.

L-Ewwel Onorabbli Qorti tagħżel li tiddeċiedi li kien hemm identifikazzjoni suffiċjenti u oltre kull dubju dettat mir-raġuni prinċiparjament minn tlett (3) xhieda li jikkontradiċu dak li qalu xhieda oħra fuq il-post. Il-Qorti saħansitra tgħid illi:

> *Nathan u Vince Borg li xhur wara jisħqu li l-imputat kien fejn il-finishing line ħdejn l-Astra. Hu l-istess imputat li fl-ewwel okkażjoni li ġie mitkellem mill-Pulizija jammetti li kien fuq l-start line!*

Meta wieħed jaqra dan il-passaġġ mingħajr ma jkun jaf jew jara ċ-ċirkostanzi, wieħed ikun propens li jaqbel mal-Qorti. Pero` huwa interessanti 'l hekk imsejħa verżjoni mogħtija a tempo vergine kif inġabret mis-Surgent involut. U di fatti, l-Ewwel Onorabbli Qorti stess tikkummenta dwar il-mod kif inġabret din l hekk imsejha dikjarazzjoni a tempo vergine!!!!!!

> *Qabel ma tkellem mal-imputat Gatt jiddikjara li kien gharraf lill-imputat bid-drittijiet legali tieghu kollha "inkluz id-dritt li jkellem lill-Avukat tieghu qabel ikellem lili. Dan ghaliex ridt nehodlu l-verzjoni tieghu tal-incident. Hu kien qalli ma riedx avukat u kien tani l-verzjoni".* ***Din il-verzjoni ingħatat fuq it-telefon.***

Illi huwa sottomess bir-rispett illi dan it-tip ta' 'statement' fejn is-surġent lanqas biss identifika lill-persuna mhux talli ma jistax jittieħed kont tiegħu iżda saħansitra għandu jiġi skartat totalment mill-Qorti. Il-prosekuzzjoni lanqas biss indenjat ruħha illi għall-inqas iġġib biċċa prova waħda li n-numru tal-mobile li fuqu ċempel is-surġent għall-inqas jappartjeni lill-imputat! Huwa umilment sottomess illi din it-tip ta' 'prova' lanqas hija suffiċjenti għall-Qorti Ċivili aħseb u ara għall-Qorti Kriminali fejn kwalsiasi dubju għandu jmur a favur tal-imputat!

Di fatti, anke l-apprezzament tal-provi għar-rigward ta' Mariano Azzopardi u Eucharist Grech huma ta' min wieħed jikkummenta fuqhom. Ta' min jirrifletti kemm il-Qorti tgħid li x-xhud Eucharist Grech hu wieħed indipendenti. Dan l-istess xhud jgħid illi hu kien mal-vittma Mariano Azzopardi!

Għalhekk tajjeb ukoll li wieħed jara u jagħrbel dak li qal l-istess xhud u cioe` illi:

*gharaft lil min kien qed isawwtu ghaliex kien bin-nuccali*

L-esponenti umilment jissottometti li alla ħares qatt dan kellu jkun il-grad tal-prova neċessarju sabiex persuna tinstab ħatja kriminalment. Dan meta saħansitra kulħadd jaf li <u>kull ġerrej huwa meħtieġ li jilbes nuċċali biex ikun jista jsuq iż-żiemel</u>!!!

*Caso mai* tali xhieda kellha tiġi interpretata fis-sens li l-persuna li sawwat iż-żiemel kien il-ġerrej li kien rikjest li jilbes nuċċali u mhux is-sid li ma għandu xejn x' jaqsam mal-każ!!

L-istess jingħad għal dak li jirrigwarda Mariano Azzopardi. Hawn ukoll il-Qorti hija komda li tidentifika oltre kull dubju dettat mir-raġuni lill-imputat a bażi tal-fatt li l-imputat jilbes nuċċali tal-vista:

> *Wiehed minn dawk li kienu qed izommu z-ziemel kien twil. L-iehor kien qasir u daqxejn qawi. Kellhom ghoxrin jew tnejn u ghoxrin sena t-tnejn li huma. Nuccali ma kellhomx. L-imputat biss kellu nuccali". Hu minnu li l-imputat jilbes* ***nuccali tal-vista****.*

B'kull rispett li persuna tilbes nuċċali ma tinferix bl-ebda mod kif u jekk persuna jiġix identifikat.

Jirriżulta di fatti li l-mod kif allegatament ġie identifikat l-imputat kien b'eliminazzjoni taż-żewġ persuni l-oħra investigati – min mit-tlieta liebes nuċċali? L-imputat – mela bilfors li kien hu! Huwa umilment sottomess li dan il-mod dilettantesk kif saret 'l hekk imsejħa identifikazzjoni tħalli mhux biss dubji serji iżda titfa wkoll dubji serji dwar jekk effettivament l-imputat kienx fuq il-post fil-mument tal-inċident.

Dana meta hemm xhieda oħrajn li ma kellhom ebda interess jixhdu li l-imputat ma kienx fuq il-post – stante li setgħu saħansitra inkriminaw lilhom infushom – li jgħidu bl-iktar mod ċar li l-imputat ma kienx fuq il-post meta seħħ l-inċident!

## II. Grad tal-Prova fil-kamp Kriminali

Huwa fatt magħruf fil-kamp legali illi l-Liġi Maltija tal-evidenza tuża sistema probatorja ta' persważjoni. Għalhekk, filwaqt li l-allegazzjonijiet m' għandhomx għalfejn jiġu ppruvati b'ċertezza assoluta, il-prosekuzzjoni hija

fid-dover li tilħaq dak il-livell ta' persważjoni assenjat mil-liġi u cioe` dik iċ-ċertezza oltre kull dubju raġonevoli.

Di fatti, is-sistema legali Maltija tipprovdi għal żewġ standards bħal dawn; prova dwar bilanċ ta' probabbiltajiet fi proċeduri ċivili u prova lil hinn minn kull dubju raġonevoli fi proċedimenti kriminali.

Di fatti, hekk kif jintqal ben tajjeb fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fl-24 ta' April, 2003:

> *Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt'. Min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-prezunsjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista` tibbazza u/jew tipprova l-kaz taghha ank efuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta` gara dak li gie rrakuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.*
>
> *Dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre kull dubju dettat mir-raguni u f' kaz li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera' .*

In oltre, hekk kif jingħad fis-sentenza mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fil-kawża fl-ismijiet Ir-Republika ta' Malta vs George Spiteri mogħtija fil-5 ta' Lulju, 2002 il-Prosekuzzjoni hija wkoll tenuta li tipproduċi l-aħjar prova:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min irid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan*

*jista` biss jaqa` fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli.*

**III. Piena eċċessiva**

Illi fit-tielet lok u dana mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa ċar ukoll illi l-piena inflitta, anke kieku qatt kellha tinstab xi ħtija fl-appellant hija waħda eċċessiva.

Jidher ċar illi filwaqt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma marritx għall-massimu tal-piena, lanqas ħadet in kunsiderazzjoni d-diversi fatturi li rriżultaw matul is-smigħ tal-kawża relattivi għan-nuqqas ta' sigurta' kif ukoll il-fatt tad-dewmien twil ta' żmien u anke l-fatt li dana kien inċident wieħed u fl-ebda moment l-imputat qatt ma kellu jew għandu kwalsiasi akkużi simili jew relatati.

Illi jirriżulta għalhekk kif il-piena kemm illi l-akkużat jingħata sentenza karċerarja u anke multa hija waħda totalment eċċessiva.

**Ikkunsidrat:**

Grad ta' prova u identifikazzjoni tal-akkużat ma saritx skont il-liġi.

Semgħet lil-partijiet jitrattaw il-każ u dan fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022, wara tali trattazzjoni l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel żewġ aggravji tal-appellant jikkonċernaw il-fatt li l-ewwel Qorti strieħet fuq provi li ma kinux *the best evidence* u fit-tieni lok iddeċidiet il-każ meta ma kienx hemm identifikazzjoni apposita sabiex jiġi identifikat l-akkużat.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan għaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale[4]:
*"Il così detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li, biex l-imputati jiġu ddikjarati ħatja, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Philip Zammit et</u>** u tgħid pero' mhux kull iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata, hemm bżonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raġuni*".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Peter Ebejer</u>**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha,

[4] Vol. III, Kap. IV, paġna 234, Edizione 1890

u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ **Miller vs. Minister of Pension**[5] - tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jiġri meta Ġudikant ikun rinfaċċat b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti u cioe' jistgħu jiġru żewġ affarijiet u cioe' jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:
"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax

[5] 1974 - 2 ALL ER 372

hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata.

Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx" (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 ta' Ottubru 2006)." (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali (**deċiża fl-24 ta' Jannar 2013), Il-Pulizija vs. Mario Pace (deċiża fis-6 ta' Frar 2013) u Il-Pulizija vs. Hubert Gatt (deċiża fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:
*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

**Kunsiderazzjonijiet Legali fir-Rigward ta' Provi Ċirkostanzjali**

Illi din il-kawża hija bbażata fuq provi ċirkostanzjali. Riferenza għandha ssir għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn ingħad is-segwenti:

*"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.*

Għalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fiċ-ċirkostanzi u dan a bażi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti għandha tqis provi ċirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jingħad għaliex għalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Ġudikant jaċċerta ruħu li huma univoċi.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax (15) ta' Ġunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg**, fejn kien ġie ritenut li provi jew indizzji ċirkostanzjali għandhom ikunu univoċi, cioe' mhux ambigwi.

Għandhom ikunu indizji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reat u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li hu l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu. Illi għalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil:** "*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika"*.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.

Archbold fil-ktieb tiegħu **Criminal Practice** [6] b'riferenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [7] jgħid:
*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's gult from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija eżattament il-pożizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgħa (9) ta' Jannar, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Seisun</u>**.

Din il-Qorti tħoss u tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħal katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet ta' kif seħħet il-ġrajja.

---

[6] 1997 Edition Para 10-3
[7] 1952

Għalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin. Il-prosekuzzjoni qed tallega li ż-żiemel sfratta meta l-akkużat kien qed isawwat iż-żiemel bil-frostin fil-parti tiegħu, dan għola, nafar u telaq jiġri għad-direzzjoni opposta kif konfermat mix-xhieda ta' Mariano Azzopardi u Eucharist Grech waqt li x-xhieda tad-difiża u cioe' Nathan Borg u PS 676 Edelon Spiteri jgħidu li kien hemm żiemel wara ż-żiemel li sfratta li ġie milqut bi frostin u ż-żiemel li nafar ħassu u telaq jiġri minnufih u ż-żewġ min-nies li kienu qed iżommuh ma rnexxielhomx iżommuh.

Illi għalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan billi bħala Ġudikant il-Qorti għandha tqis l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi oħra tax-xhieda tiegħu u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti għalhekk kellha teżamina fid-dettal il-provi miġbura u dan sabiex tara jekk mill-provi akkwiżiti, l-ewwel Qorti setgħetx issib ħtija fil-konfront tal-akkużat odjern in vista tal-aggravji mressqa mill-appellant.

Rat l-affidavit ta' **PS 1407 Frank Portelli** fejn spjega li nhar l-10 ta' Lulju 2018 għall-ħabta tad-9.30p.m, il-pulizija marru l-isptar ta' Għawdex fit-taqsima tal-kura intensiva fejn kien qed jinżamm Mariano Azzopardi u meta ġie mitkellem mill-pulizija stqarr li hu kien qed jara t-tiġrijiet taż-żwiemel ġewwa r-Rabat in konnessjoni mal-festa ta' San Ġorg u kien qiegħed fejn il-monument ta' Ninu Cremona u d-dahla tal-iskola l-antika meta f'ħin minnhom sema' n-nies jgħidu ġej żiemel u fil-pront ġie għal fuqhom u ħabtu mal-ħajt u ma jafx x'ġara wara. Waqt li l-pulizija kienu fuq il-post kien hemm it-tobba fejn iċċertifikaw li Mariano

Azzopardi għandu ġrieħi gravi imma ma kienx fil-periklu tal-mewt u li kellu jiddaħħal għall-operazzjoni.

Il-pulizija tkellmet ukoll ma' Joe Grech li kien qed jinżamm l-isptar għall-kura fejn meta ġie mitkellem stqarr illi hu kien qed jara t-tiġrijiet taż-żwiemel u kien eżatt fejn l-entratura tal-iskola l-antika u kien bil-qiegħda fuq iċ-ċint u quddiemu kellu n-nies li kienu qed jaraw it-tiġrija u f'ħin minnhom sema' lin-nies jgħidu ġej żiemel waħdu u fil-pront rah fuq il-bankina u baqa' sejjer għal fuqhom bil-konsegwenza li waqqgħu u tefgħu għal isfel u kissirlu s-snien. Joe Grech żied jgħid illi kellu brix f'wiċċu u kellu wkoll uġieħ ġo spalltu. Waqt li l-pulizija kien fejn Grech ġie t-tabib fejn infurmah illi ksur ma kellux.

Il-pulizja tkellmet ukoll ma' Daniel Mercieca fejn dan stqarr li hu kien ġie miżmum l-isptar u stqarr ukoll illi hu kien qed jara t-tiġrija fejn Joe Grech u sema' xi nies jgħidu li kien ġej żiemel bla kontroll u fil-pront rah fuqu u ħabbtu mal-ħajt u spiċċa l-isptar.

Il-pulizija ċċekkjat ukoll l-Emerġenza fejn ġiet infurmata li dak il-ħin tal-inċident daħlu wkoll Manuela Grima u Marilyn Grima flimkien mal-omm Josianne Grima li meta ddaħħlu l-isptar ftit wara ġew rilaxxjati u ġew ċertfikati li kienu jsofru minn xokk. Ma' din il-familja ddaħħal ukoll ċertu Eucharist Grech fejn meta ġie eżaminat ġie rilaxxjat u ġie ċertifikat li kien qed isofri minn xokk.

Rat ix-xhieda ta' **Dr. Marlene Attard** mogħtija nhar it-12 ta' Frar 2019 u din spjegat li nhar id-9 ta' Lulju 2019 għall-ħabta ta' 23.52 meta daħal Mariano Azzopardi kien qed jikkomplejnja b'uġiegħ kbir fir-right hip, left wall chest right abdomen. Fl-eżami mediku nstab li kien hemm laċerazzjoni superfiċjali fl-id il-leminija b'laċerazzjoni fuq il-minkeb tal-lemin. Kellu uġiegħ fuq sidru n-naħa tax-xellug u kien hemm tenderness fuq in-naħa tal-lemin tal-abdominal wall u

kien hemm frattura tal-femoral tan-naħa tal-lemin. Ħadulu CT Thorax Abdo u Pelvis li ġie ordnat mill-BST li kienet fuq is-surgery u kien qed juri li kien anke hemm neomothorax bi frattura tat-tmien kustilja. Pero' ma kienx hemm ħsara fl-organi interni. Ovvjament daħlu fih il-każ Mr. Skodacek l-orthopaedic surgeon u kien hemm ukoll il-BST. In-natura tal-ġrieħi kienu ta' natura gravi u kellu jiġi operat. Huwa ma kienx inkarigat li jagħmel l-ebda follow up. Huwa esebixxxa ċ-ċertfikat mediku tiegħu fl-atti li ġie markat bħala dok MA1.

Illi nhar l-10 ta' Marzu 2022 deher il-**perit legali Jean Paul Grech** li ppreżenta x-xhieda miġbura minnu kif ukoll kull dokument li ġie esebit quddiemu in konnessjoni mal-istess xhieda.

Fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2019 quddiem il-perit legali Dr. Jean Paul Grech kien xehed **Mariano Azzopardi**. Dan stqarr li fid-9 ta' Lulju 2018 mar jara t-tiġrija taż-żwiemel ta' San Ġorg tar-Rabat, Għawdex. Kienu huwa u Karistu u kien hemm ħbieb tiegħu li qagħdu jitkellmu magħhom. Kienu faċċata tal-iskola tar-Rabat, ta' Għawdex waqt it-tiġrija. Ma jafx liema skola kienet. Kienu bejn wieħed u ieħor l-għaxra u nofs jew il-ħdax neqsin kwart ta' bil-lejl. Jara żiemel qed jinżamm minn żewġ min-nies u wieħed jagħtih bil-frostin minn fuq wara. Sema' n-nies jgħajtu, iż-żiemel irvilla u ħarab. Qal li kien qed jagħraf lill-akkużat preżenti fl-awla. Jgħid li ż-żiemel ma kienx jara għaxra minn mija, fis-sens li ż-żiemel kienu qed isawtuh fil-parti privata tiegħu u kien imdaħħan. Iż-żiemel ħarab u n-nies ma kkalhulahomx. Jgħid li kien fortunat għaliex is-serkin weħillu ma' tabella u lilu tefgħu mal-ħajt. Lin-nies rahom jiġru 'l hawn u 'l hinn. Iż-żiemel immarka lilu u faqgħu mal-ħajt billi baqa' dieħel fuqu. Kissirlu tlett kustilji, il-pulmun, għamel erba' xhur bil-pajp tal-awrina, kellu ħamsa u tletin punt f'koxtu peress li kellu bżonn hip replacement. Għamel ukoll xi żmien is-CCU.

Għal sid iż-żiemel qisu ma ġara xejn għaliex qabad iż-żiemel u telaq 'l hemm. Per konsegwenza tal-inċident jgħid li llum irid jieħu l-pilloli minħabba l-awrina u t-taraġ ma jiflaħx jitilgħu. Irid jieqaf jistrieħ u jokrob bl-uġiegħ. Jgħid li rrovinalu ħajtu bil-ksuħat ta' ħaddiehor. Jikkonferma li huwa familjari maż-żwiemel. Kien jgħix l-Awstralja u kien imur ma sieħbu Melbourne u kellu sittin żiemel tat-trott. Kien jidħol fejnhom u lanqas biss iħarsu lejh. Biex annimal jagħmillek xi ħaġa speċjalment żiemel irid ikun mhux qiegħed sewwa.

Iż-żiemel kien qiegħed fil-petrol station fejn il-kantuniera. Iż-żiemel sfratta minn fejn il-petrol station għaliex kif spjega kien hemm tnejn li qegħdin iżommu ż-żiemel u ieħor li kien qed isawtu. Jisjega li huwa kien ħdejn il-lights 'il fuq mill-Villa Rundle. Huwa kien man-naħa tal-iskola fejn hemm il-bankina wiesa'. Dak il-ħin ma kienx hemm karozzi għaddejjin. It-tiġrija kienet bdiet. Pero' dak il-ħin ma kinux qed isiru koros. Kienu qegħdin jippreparaw għall-korsa li kien imiss u dan iż-żiemel kellu jieħu sehem f'din il-korsa. Dan qed jgħidu għaliex kif spjega kien hemm tnejn qegħdin iżommuh.

Meta sfratta ż-żiemel huwa kien qiegħed fuq il-bankina 'l ġewwa mill-island u sieħbu Karistu Grech kien b'xortih għax tfixkel fil-karkur u b'hekk iż-żiemel qabżu u baqa' dieħel ġo fih. Huwa ġie mrassas fil-ħajt li jifred it-triq mill-iskola. In kontro-eżami jgħid li huwa attenda l-korsa taż-żwiemel għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Fejn kien fuq il-bankina kien hemm nies oħra. Ma kienx hemm rassa minkejja li nies kien hemm. Jgħid li kien in-naħa ta' ġewwa tal-bankina qrib il-ħajt. Qabel l-inċident nies quddiemu kien hemm. Safety ma kien hemm ta' xejn. Faċċata tiegħu wkoll kien hemm in-nies. Kien imbiegħed mill-parkeġġ tal-Mc Donalds iżda kien fuq l-istess naħa tal-parkeġġ. Jgħid li kien iktar lejn ix-Xatt xi tletin pied 'il bogħod mill-funtana tas-sixth form. It-tiġrija titlaq minn diversi bnadi.

Apparti ż-żiemel li għamel referenza għalih kien hemm żwiemel oħra. Iż-żwiemel idawruhom minn fejn ser ikunu ser jibdew il-ġirja. Iż-żwiemel l-oħra kienu bis-serkin. Dawn kollha kellhom nies magħhom u wħud minnhom kellhom il-ġerrej fuqhom. Pero' dawn iż-żwiemel kienu mbegħdin minnu. Iż-żiemel li laqtu kien ħdejn il-*petrol station* u kellu tlieta min nies miegħu. Ma kellu ħadd fuq is-serkin. Tnejn iżommuh minn quddiem u wieħed minnhom jagħtih fuq il-parti tiegħu. Kien żiemel ta' lewn iswed, kien żgħir u mhux tat-trott. Iż-żiemel ma kienx xiħ.

Iż-żiemel telaq jiġri minn wara l-petrol station qisu ħareġ minn ġo kanun. Fejn il-parking tal-Mc Donalds ma jafx li kien hemm żwiemel għax ma kienx qed iħares 'l hemm. Kien qed iħares lejn iż-żiemel li attakkah. Fejn il-petrol station x'ħin iż-żiemel irvella kien hemm kommossjoni sħiħa u n-nies bdew jitferxu 'l hawn u 'l hemm. Kien hemm konfużjoni sħiħa l-iktar in-naħa tiegħu. Kien hemm xi nies li qabżu mill-hajt. X'ħin ra ż-żiemel dan kien irvellat. L-ewwel darba li ra ż-żiemel kien meta kienu qed isawtuh u dak il-ħin ġja deher irvellat. Barriers ma kienx hemm lanqas ħbula. Safety ma kien hemm xejn fejn kien qiegħed hu.

Jispjega li x'ħin nafar iż-żiemel dan baqa' sejjer għad-dritt qisu mmarka lilu u baqa' sejjer għal ġo fih. Iż-żiemel kien faċċata l-iskola u rasu thares 'il quddiem lejn l-iskola. Kien hemm wieħed tar biex iżommu iżda ż-żiemel ma kkalkula 'l ħadd.

Ix-xhud reġa xehed nhar it-3 ta' Mejju 2019 u kkjarifika u jgħid li lill-akkużat għarfu bħala l-persuna li kien qiegħed isawwat iż-żiemel fil-partijiet privati tiegħu u li kien hemm tnejn oħra jżommu ż-żiemel. Jgħid li wieħed minn dawn iż-żewġt irġiel oħra kien twil u l-ieħor kien daqxejn qawwi, u kellhom madwar

għoxrin jew tnejn u għoxrin sena t-tnejn li huma. Nuċċali ma kellhomx. L-akkużat biss kellu n-nuċċali.

Ix-xhud reġa xehed in kontro-eżami nhar it-12 ta' Frar, 2021 u b'referenza għad-dokument MA1[8] esebit fl-atti mistoqsi jekk jagħrafx it-triq fejn il-Mc Donalds fejn saret it-Tiġrija jgħid li ma jistax jagħraf il-post fejn hu. Ma jistax jifhem il-pjanta u dan għaliex huwa la jaf jikteb u lanqas jaqra.

In kontro-eżami jerġa jixhed nhar it-23 ta' Frar 2021 u muri r-ritratt dok MA 3 u mistoqsi jekk jagħrafx l-area indikat fir-ritratt jgħid li dawn l-affarijiet ma jagħrafhomx. Muri r-ritratt MA2 u MA3 jgħid li ma hux qed jagħrafhom. Mistoqsi jekk hux midħla ta' Tirq Fortunato Mizzi fejn hemm il-Mac Donalds u l-Arcadia jgħid li jgħaddi minn hemm pero' mhux ħafna. Ġieli jgħaddi minnha darba fil-ġimgha u dan bil-karozza.

**Daniel Mercieca** wkoll xehed quddiem il-perit legali Dr. Jean Paul Grech. Dan stqarr li kien involut f'inċident li seħħ fi triq, fit-Tiġrija ta' San Ġorg. Jgħid li kien nieżel għal Mc Donalds biex jiekol. In-nies bdew jgħajtu li kien ġej żiemel. Fix-x'ħin dar ra ż-żiemel quddiem wiċċu. Dan refgħu, is-serkin qabad mal-qalziet tiegħu u kaxkru għal ġol-ħajt ta' fejn l-iskola u mbagħad reħih. Qal li ċarratlu l-qalziet. Jgħid li dan seħħ bil-lejl pero' l-ħin eżatt ma jafux. Qal li ġrieħi ma sofriex. Jgħid li telgħalu n-nerf fuq l-għadma ta' rkobbtu. Dam ġimgħa l-isptar u ħareġ wara ġimgha bil-krozzi. Dam juża l-krozzi għal xahar. In kontro-eżami mistoqsi jekk qabel ma weġġa lilu ż-żiemel kienx weġġa lil ħaddiehor jgħid li ma jafx. Jgħid li sema' n-nies biss jgħajtu ġej iż-żiemel. Dak il-ħin dawwar wiċċu u ż-żiemel belgħu. Wara l-inċident jgħid li ma baqax f'sensieh u wara sab ruħu f'ambulanza.

---

[8] Fol 135 tal-atti

Dakinhar jgħid li kien hemm ħafna nies u ħafna żwiemel li kienu qed jiġu preparati biex itellqu. Dan iż-żiemel skont ma qalulu n-nies kien sejjer dritt għal fuq lejn il-pjazza iżda fil-pront dar għal fuqu. Qal li kien fuq il-bankina kien kważi wasal ħdejn il-bieb tal-iskola antika. Qal li meta dar, dar lejn in-naħa tat-triq u ra ż-żiemel ġej minn hemm. Qal li kien fuq il-bankina l-ħin kollu. Mistoqsi jagħti deskrizzjoni taż-żiemel jgħid li mhuwiex f'pożizzjoni li jagħmel dan.

**Joseph Grech** jgħid li l-inċident seħħ fid-9 ta' Lulju 2018 għall-ħabta tal-ħdax u kwart (23.15 p.m) dakinhar kien qiegħed Malta. Kien wasal Għawdex bil-vapur tal-għaxra neqsin kwart ta' bil-lejl (21.45 p.m.).

Dakinhar kien daħal id-dar u staqsa lil tad-dar biex joħorgu miegħu iżda ħadd ma kellu aptit u għalhekk ħareg waħdu. Qal li jgħix viċin ta' fejn seħħ l-inċident kemm jaqsam it-triq. Meta ħareg ra li t-tiġrijiet ta' fejn joqgħod hu kienu ġja spiċċaw u kienu ser jibdew it-tiġrijiet ta' aktar 'il fuqta' ħdejn it-Tamarisk. X'ħin wasal ra tellieqa waħda biss titlaq u din raha minn ħdejn il-post fejn hemm l-istatwa ta' Ninu Cremona u l-bridge li jwassal għall-iskola tas-subien. It-tiġrija għaddiet. Meta kien għadda kollox mar maċ-ċint li jifred it-triq li tinżel għall-iskola u qagħad hemmhekk. Huwa dam ftit hemmhekk. Kellu l-mobile f'idu u kien qed jibgħat xi messaġġi. Ta' fejnu bdew jgħajtu li kien ġej żiemel għal ġon-nies. X'ħin ħares 'il fuq ra żiemel ġo wiċċu. Ipprova jilqa' b'idu u kien għad baqgħalu marka ta' nagħla. Iż-żiemel tah daqqa, tajru u tefghu 'l isfel. X'ħin waqa isfel l-ewwel daqqa ħadha fi spalltu tax-xellug, ħabat rasu fin-nofs u anke laqat snienu. Ipprova jilqa' b'subgħajh ta' idu x-xellugija u baqa' jitgerbeb għal isfel. Imbagħad marru n-nies u qamu ħaduh l-isptar. Jgħid li qam u mhux qajmuh.

L-ewwel darba li ra ż-żiemel kien meta kien ma' wiċċu. Ma raħx ġej. Qal li hu ma ċċaqlaqx minn fejn kien. Sema' n-nies jgħajtu u jista jkun li qam bid-dagħdiha. Ma setgħax jifhem x'kien ġara. Jaf li niżlu n-nies għal fejnu biex ituh l-għajnuna. Kien kollu dmija. Kien bix-shorts x'ħin beda jitrambal fl-art beda jinstelaħ kullimkien. Jgħid li minn moħħu ħareg kwantita' ta' demm.

L-isptar ħadulu x-ray pero' ma kellux ksur. Ħareg mill-isptar l-għada. Sar jaf li kien hemm nies oħra involuti wara li kien seħħ l-inċident. Jgħid li ma jafx x'ġara miż-żiemel għaliex rikkbuh fl-ambulanza u ħaduh l-isptar. Jgħid li ġieli ħareġ għat-tiġrijiet għaliex joqgħod fil-qrib. Ma jafx jekk kienx hemm xi dawl extra għal din it-tiġrija partikolari. It-tiġrija li raha hu kienet telqet min ħdejn il-ħanut Tamarisk 'il fuq lejn ir-Rabat. Għall-bidu t-tiġrijiet jibdew aktar 'l isfel lejn ix-Xatt. Jgħid li huwa joqgħod ħdejn l-Arcadia quddiem il-petrol station. X'ħin kien tielgħa 'l fuq ra ż-żiemel. Dawn kienu ħdejn il-Mc Donalds fil-parking area. Huwa ma rax żwiemel oħra apparti dawk li kienu fil-linja tat-tluq. Qal li huwa mhux intiż fiż-żwiemel u sakemm ġie fuqu ż-żiemel ma kienx ra żwiemel oħra viċin tiegħu.

**Eucharist Grech** xehed nhar it-3 ta' Mejju 2019 quddiem il-perit legali Dr. Jean Paul Grech li kien ġie nominat mill-ewwel Qorti. Dan ikkonferma li l-inċident seħħ nhar id-9 ta' Lulju għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22.30 p.m). Jgħid li kien qiegħed ħdejn il-Lyceum faċċata tal-ħanut Melita flimkien ma' Mariano, Dominic Zammit u Kelinu Zammit. Jgħid li huwa u Mariano kienu qed iħarsu fid-direzzjoni tal-pompa tal-petrol waqt li t-tnejn l-oħra kienu qed iħarsu fid-direzzjoni opposta. Kienu lkoll fuq il-bankina li hija waħda wiesgħa. Waqaf ġo flower bed fejn hemm il-pjanta Rosemary. Huwa waqa' ġo fiha. Bejn il-bankina u t-triq fejn kienu qed isiru t-tiġrijiet ma kien hemm xejn, la ħbula u lanqas barriers. Minn dawn ma ra xejn.

Qal li kien ra lill-akkużat isawwat iż-żiemel. Huwa kien fin-naħa ta' wara taż-żiemel. Kien qed isawtu fil-parti tiegħu. Kien hemm tnejn min-nies oħra li kienu qed iżommuh minn rasu. X'ħin meta beda jsawtu Micallef, iż-żiemel beda jogħla mbagħad iż-żiemel ħareġ sparat qisu kanun fid-direzzjoni tan-nies. Huwa rah ġej fid-direzzjoni tiegħu u pprova jevitah. Kien bil-karkur u tfixkel fil-flower bed li hemm fuq il-bankina, waqa' u ġie għal wiċċu u ż-żiemel qabżu. Meta qam sab lil Mariano jgħajjat bl-uġiegħ. Huwa ppanikja. Mariano waqaf fuq il-bankina kważi mal-ħajtu n-nies inġabru miegħu. Huwa baqa' ċċassat u baqa' beżgħan. L-ambulanza damet ma ġiet għalih. Huwa ma sofra l-ebda ġrieħi u ma ġralu xejn għax waqa' fil-*flower bed.*

Ma jafx x'sar minnu ż-żiemel wara li kien laqat lil Mariano. Magħhom fejn kien fuq il-bankina kien hemm diversi nies oħra. Kienu bejn 20 u 30 persuna lkoll imferxin. Fuq in-naħa l-oħra tat-triq ukoll kien hemm in-nies. Fejn il-pompa tal-petrol żiemel wieħed biss ra. Iż-żwiemel l-oħra ma kinux għadhom resqu 'l hemm. Huwa kien qed iħares lejn iż-żiemel li kien ħdejn il-pompa għaliex iż-żiemel kien qed jiġi msawwat u għalih din tammonta għal moħqrija. Iż-żiemel in kwistjoni kien kannella sewdieni, il-kulur tal-ħarrub. Ma jafx jekk kellux armar fuqu. Serkin kellu u kien ta' lewn abjad.

Bħala dawl kien hemm l-*ispot lights* imdendlin tul it-triq kollha. Iż-żiemel sfratta mill-ewwel x'ħin beda jsawtu. Iż-żewgt irġiel li kienu qed izommu ż-żiemel minn quddiem ma kinux anzjani fil-fatt kienu żgħar bejn 20 u 30 sena. Wieħed minnhom kien irqiq u l-ieħor kien daqxejn imġissem. Min kien qed isawtu kien liebes in-nuċċali u għalhekk seta' jgħarfu u fil-fatt indika lill-akkużat. Jgħid li wara li waqa' fil-*flower bed* ħadd ma mar ikellmu.

L-ispettur **Bernard Charles Spiteri** xehed nhar it-3 ta' Mejju, 2019 quddiem l-espert legali nominat mill-ewwel Qorti Dr. Jean Paul Grech. Jgħid li fid-9 ta'

Lulju 2018 kien xoghol extra duty fit-tiġrija taż-żwiemel ta' San Ġorg meta għall-ħabta tal-11.15 kien qiegħed ħdejn il-Mc Donalds minn fejn kienu qed jiġru ż-żwiemel. F'ħin minnhom inqalgħet kommozzjoni għaliex in-nies bdew jgħidu li hemm xi żiemel li kien qiegħed jonfor. Huwa ħares fid-direzzjoni tal-lights li hemm viċin il-Lyceum u lejn il-petrol station. Ra żiemel jogħla minn quddiem fuq saqajh ta' wara u telaq jiġri la ġenba fejn kien hemm l-istatwa ta' Ninu Cremona.

Inqalgħet kommozzjoni u marru jiġru fuq il-post. Bdew jgħidu li hemm xi nies feruti. Jiftakar li Mariano Azzopardi qiegħed preżenti bħala parte civile li kien mal-art u kien muġugħ ħafna. Dan kien qiegħed fuq il-bankina bejn l-entratura tal-Lyceum u fejn kien hemm l-istatwa ta' Ninu Cremona. Aktar qrib lejn l-istatwa milli lejn l-entratura. Kien qiegħed fuq il-bankina taħt iċ-ċint. L-ewwel ma ġew kienu tal-ERRC imma ma setgħux jaqbdu tarf u mbagħad ġiet l-ambulanza.

Huwa informa lis-surġent b'dak li kien ġara mbagħad informa lill-ispettur tal-għassa. Dak il-ħin iż-żiemel fittxuh pero' ma deher imkien. Imbaghad staqsew lill-organizzaturi u infurmawhom li ż-żiemel kien tal-imputat Dylan Micallef. Huwa għadda din l-informazzjoni lis-surgent tal-għassa. Lill-akkużat huwa qatt ma kellmu.

Huwa ppeżenta certifikat mediku ta' Dylan Micallef, ta' Daniel Mercieca u ta' Joseph Grech li ġew markati bħala dok BS1 sa BS3 rispettivament[9].

Dakinhar is-supretendent Maurice Curmi kien qed ilaħħaq u l-investigazzjonijiet saru minnu u mis-surġent Lucian Gatt.

[9] Fol. 67 et seq

Iż-żiemel kien imbiegħed minnu. Jaf pero' li kien ta' kulur skur. Iż-żiemel rah jintrefa fuq saqajh ta' wara u telaq jiġri ġon-nies. Ma kienx żiemel minn dawk il-kbar nett tat-trott. Barriers u ħbula ma kienx hemm u jekk kien hemm kienu 'l fuq lejn Triq Ir-Repubblika. Nies kien hemm ħafna fuq iż-żewġ naħat. Dak il-ħin tiġrijiet ma kienx hemm. Kien hemm dan iż-żiemel u ieħor u kienu qed isaħħnuhom u cioe' jduru bihom u jiġru ftit bihom. Għalhekk dan iż-żiemel kien waħdu. Kien hemm żiemel ieħor. Pero' ma kienx ħdejn l-inċident li seħħ.

Mistoqsi fejn kienu l-ġrieħi ta' Mariano Azzopardi jgħid li ma jafx, jaf biss li kien muġugħ mal-art. Iż-żiemel ma jafux x'sar minnu wara l-inċident. Pierre Camilleri l-Vet kien hemm fi Triq it-Tigrija u kellmu. Wara l-inċident kien preżenti pero' ma jafx jekk kienx hemm qabel. Mistoqsi għalfejn ikun hemm vet jgħid li ma jafx. Jaf li l-vet kellmu u staqsih jekk iż-żiemel kienx għadu hemm biex jeżaminah iżda dak il-ħin ma sabuhx.

Il-permessi tat-tiġrijiet ma joħorġuhomx il-pulizija iżda Transport Malta. Huma jagħtu biss in-no objection.

Iż-żiemel kien qrib ħafna tal-lights tal-Lyceum bejn il-lights u l-petrol station. Maż-żiemel kien hemm in-nies iżda huwa kien ftit imbiegħed minnhom għax kienu quddiem il-Mc Donalds. Huwa kien fuq l-istart u dan kien quddiem il-Mc Donalds. Jaf li n-nies li kien hemm madwar iż-żiemel kienu qed jippruvaw iżommuh. Iż-żiemel kien rah qabel iżda ma kienx ta każ tiegħu. Huwa ma rax nies isawtu ż-żiemel anke meta beda jogħla. Qal li nafar għaliex għola fuq saqajh ta' wara. Qabel ma nafar ma ra l-ebda movimenti strambi. Dan iż-żiemel kellu serkin miegħu. Dak il-ħin it-tiġrijiet kienu tas-serkin mhux tad-dahar. Mistoqsi x'kulur kellu s-serkin jgħid li ma jiftakarx.

Il-Qorti eżaminat iċ-ċertifikati esebiti u jirriżulta minn eżami tagħhom li Mariano Azzopardi kellu xi fratturi u ġie ammess fl-ITU dakinhar tad-9 ta' Lulju 2019, Daniel Mercieca kellu feriti ta' natura ħafifa kif deskritti minn Dr. Melanie Farrugia fiċ-ċertifikat tagħha u Joseph Grech kellu feriti ta' natura gravi kif ukoll iċċertifikati minn Dr. Melanie Farrugia.

**Reuben Said** xehed nhar it-18 ta' Ottubru 2019 quddiem l-espert nominat mill-Qorti Dr. Jean Paul Grech u dan fil-kapaċita' tiegħu ta' kap ta' Transport Malta f'Għawdex. Fit-2 ta' Lulju 2018 kellu talba mingħand Alvin Grech CEO tal-Gozo Sports Board sabiex jinħareġ permess għat-tiġrijiet taż-żwiemel tal-festa ta' San Ġorg nhar it-Tnejn 9 ta' Lulju 2018 bejn is-7.00a.m u 12.00p.m ġewwa triq Ir-Repubblika, Rabat, Għawdex. Mat-talba tiegħu Grech ippreżenta insurance policy ta' €1,000,000, in-no-objection tal-Kunsill Lokali Rabat, ittra mingħand l-ERRC li kienu sejrin jipprovdu s-servizz ta' għajnuna medika rapport tal-perit dwar l-istat tat-triq, dikjarazzjoni ta' responsabbilta' f'isem John Cefai, ittra mingħand il-veterinarju Dr. Pierre Camilleri li kien sejjer ikun responsabbli waqt it-tiġrija. Ma' dan inżid li nfurmaw l-istewards responsabbli għal din it-tellieqa kienu sejrin ikunu John Cefai, Teddy Cefai u Warren Spiteri. Dawn ikunu qed imexxu t-tiġrija.

Fit-2 ta' Lulju 2018 irċevew in-no objection mingħand Dr. Roberto Andrea Balbo li huwa veterinarju tal-Gvern kif ukoll in-no objection tal-pulizija ta' Għawdex mingħand l-ispettur Bernard Charles Grech.

Fit-3 ta' Lulju, 2018 Transport Malta ħarġet l-approvazzjoni għal din it-tiġrija lis-sur Alvin Grech. Huwa preżenta kopja tal-permess li ġie markat bħala dok RS1 bid-dokumenti kollha annessi miegħu li huwa għamel referenza għalihom fix-xhieda tiegħu.

Jikkonferma li t-talba għat-tiġrija saret minn Alvin Grech għan-nom ta' Gozo Sports Board f'isem St. George Horse Race Organisation Committee. Dan il-Bord jirraporta direttament lill-Ministeru Għal Għawdex.

Mistoqsi x'jieħdu ħsieb dwar sigurta' ta' persuni jgħid li jkun hemm numru ta' kundizzjonijiet li l-appplikant irid jimxi magħhom. Per eżempju li jrid ikun hemm *Health & Safety plan in place.* Il-Gozo Sports Board intrabat li jkollu l-affarijiet kollha fil-post inkluż il-Health & Safety Plan. Huma approvaw il-permess bil-kundizzjoni li jkun hemm Health & Safety Plan. Il-Health & Safety Plan ma kienx ġie sottomess pero' huma ma kinux jitolbu li jkun sottomess. Jgħid li huwa kien il-ħin kollu preżenti għat-tiġrija u dan bħala spettatur u mhux li kien obbligat imur bħala uffiċċjal ta' Transport Malta. Rigward sigurta' kien hemm il-pulizija, partijiet mit-triq kien fihom bollards bil-ħbula fil-ġnub biex iżommu n-nies wara l-ħbula. Kien hemm ukoll securities privati biex iżommu n-nies milli joħorġu fin-nofs.

Il-parti fejn seħħ l-inċident jaf fejn hi u kkonferma li f'dik il-parti ma kienx hemm bollards jew ħbula li jżommu n-nies. Pero' f'din il-parti hemm bankini wesgħin. Kull parti tat-triq li fiha ssir it-tigrija għalih hija vitali inkluż ukoll il-parti ta' qabel fejn tibda t-tiġrija u l-parti ta' wara fejn tispiċċa.

It-tiġrija kienet tibda minn fejn il-parking tal-Arcadia proprju fejn kien qiegħed hu.

L-inċident ma rahx pero' ra kommozzjoni. Huwa mar fil-post fejn ġara l-inċident iżda sadanitant ġew l-ambulanza u ħadu xi nies l-isptar. Huwa kellem lill-ispettur u tah parir biex iwaqqaf it-tiġrija iżda wara li n-nies ittieħdu l-isptar it-tiġrijiet tkomplew. Dakinhar kienu ġraw żewġ inċidenti.

Wara li seħħ dan l-inċident it Transport Malta bdiet titlob li jiġi esebit l-Health & Safety Plan biex il-permess ikun jista' jiġi approvat. Lil Azzopardi ma rahx imweġġa u l-ewwel darba li rah kien meta ġie mitlub jixhed. Bħala fatt pero' jaf li weġġgħu xi nies.

F'dik il-parti fejn sar l-inċident kien hemm in-nies li joħorgu 'l barra fit triq biex jaraw it-tiġrija u ż-zwiemel itellqu. Huwa ma għaraf lil-ħadd li kien fuq il-post dakinhar.

L-area li kienet koperta bl-insurance kienet tkopri minn fejn l-area ta' Dominic Department Stores sa Pjazza t-Tokk. Il-kontroll ta' min jieħu sehem fit-tiġrija jkun f'idejn il-Gozo Sports Board u l-organizzaturi tat-tiġrija. Min ser itellaq żiemel jinkiteb magħhom u huma bħala Transport Malta ma jidħlux fiha. Huma kemm jagħtu permess biex tingħalaq it-triq biex issir it-tiġrija. Sa hemmhekk jaslu. F'permess numru sebgħa li nħareg mit-Transport Malta hemm speċifikament imniżżel li Transport Malta qed iżżomm lill-applikant Gozo Sports Board kompletament responsabbli għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi għal kull aspett li jirrigwarda dan l-avveniment. Aktar 'l isfel hemm imniżżel li huwa l-Gozo Sports Board li huwa responsabbli.

L-ewwel inċident li seħħ dakinhar stess ma kellux x'jaqsam mat-tieni inċident. Huwa fuq l-ewwel inċident ma marx u għalhekk dwaru ma jaf xejn. Fil-parti tat-triq fejn kien hu kien hemm iż-żwiemel, il-ġerrejja jew is-sidien tagħhom. Kien hemm ukoll l-istewards li semma qabel fix-xhieda tiegħu u l-pulizija.

Ma jiftakarx eżatt f'liema punt seħħ l-inċident u cioe' jekk kinitx ser tibda tiġrija jew inkella kinitx ġja telqet tiġrija. Fl-area kienu qed isiru l-preparamenti biex ikun hemm xi tiġrijiet. Dawn ikunu jduru biex imbagħad jitilqu jiġru. Mhuwiex f'pożizzjoni li jgħid kemm kien hemm żwiemel li ġja kienu telqu u kemm kien

għad fadal li jitilqu. Jgħid li huwa ma hux espert taż-żwiemel u ma jkunx jagħraf jekk persuna tkun qed issawwat żiemel jew jekk tkun qed tħabbat fuq is-serkin. Dakinhar jaf li jintrema dawl żejjed minħabba t-tiġrija taż-żwiemel. Transport Malta ma jkollhiex filmati tat-tiġrija.

**John Cefai** xehed fl-istess jum meta xehed Reuben Said. Jgħid li kien preżenti meta kienet qed issir it-Tiġrija ta' San Ġorg. Ma jiftakarx id-data pero' jaf li s-sena kienet 2018. Kien qiegħed fuq it-tluq. Kien quddiem il-Lyceum. Huwa kien qed jieħu ħsieb jikteb il-bhejjem fuq l-istart line. Bħala affarijiet oħra jieħu ħsieb il-Gozo Sports Board u l-Ministeru Għal Għawdex.

Kienu telqu tiġrija u kif kienu ser jgħidu grupp ieħor, jara żiemel ġej maħrub waħdu mid-direzzjoni tal-pompa tal-petrol. Dan qasam it-triq min-naħa tat-Tamarisk għan-naħa tal-iskola u baqa' dieħel fuq il-bankina fin-naħa fejn kien hemm in-nies. Dak il-ħin mar jagħti l-għajnuna lil Mariano Azzopardi. Mar jara x'kien sar miż-żiemel pero' ż-żiemel ma deherx aktar. Huwa tkellem mal-pulizija iżda ż-żiemel ma nstabx.

L-għada mar l-għassa u kellmu l-ispettur Bernard Spiteri. Kellu l-mobile number ta' min kien kiteb iż-żiemel u sar kuntatt miegħu. Iż-żiemel għarfu u għalhekk wasal għal min kitbu. Imbagħad il-pulizija qalulu li dan kien ta' Dylan Micallef u l-pulizija tahom biss il-mobile number. Kien jaf x'jismu ż-żiemel u kien tah lill-pulizija pero' dak il-ħin kien nesa.

Jgħid li ma jidhirlux li kien seħħ inċident ieħor qabel weġġa Mariano Azzopardi. Ġiet moqrija lilu x-xhieda ta' Reuben Said fejn dan qal li kienu seħħew xi inċidenti qabel u jgħid li ma jafx bihom. Wara l-inċident ta' Mariano Azzopardi waqfet it-tiġrija kompletament. Mistoqsi jekk kienx hemm bollards jew ħbula fil-parti fejn iż-żiemel tela' fuq il-bankina jgħid li ma jafx. Fejn tela' ż-żiemel kienet

parti minn fejn kienu qed isiru t-tiġrijiet. Xogħlu kien li ma jħallix nies fuq l-*istart line.* Il-pulizija u s-security tal-Ministeru kellhom jaraw li ma jkunx hemm nies fit-triq.

Ġiet moqrija lilu d-dikjarazzjoni tiegħu li tinsab fid-dok AG3 u jikkonfermaha. Ikkonferma li l-organizzaturi kienu l-Ministeru, il-pulizija, il-perit tal-Ministeru, Transport Malta. Huwa kull ma għamel kien li ta l-flus tal-assikurazzjoni lil Alvin Grech. L-insurance ħarġet f'isem Gozo Sports Board. Huwa kien hemm bħala volunteer jgħin lis-Soċjeta' La Stella. Parti mis-security ġie mqabbad mill-kumitat La Stella u parti oħra mill-Ministeru. Il-pulizija ħallsuhom La Stella. Huwa ma ra l-ebda dokument, kien ħalla kollox f'idejn Gozo Sports Board. Kemm Alvin Grech, kemm Reuben Said u anke l-ispettur Bernard Grech kienu preżenti waqt it-tiġrijiet. Kienu qed jitkellmu ma' Reuben Said u mal-ispettur Bernard Grech jekk kellhomx iwaqqfu t-tiġrijiet jew le. Jispjega li l-ħbula jsiru minn ħaddiema tal-Ministeru waqt li l-Gozo Sports Board ħa ħsieb l-ambulanzi. Fil-post fejn seħħ l-inċident kien hemm in-nies u jgħid li huwa kien qed jinsisti mal-pulizija biex ma jħallux nies fil-pont tat-tluq. Kien ilu jgħin f'dawn it-tiġrijiet għal dawn l-aħħar snin. Mistoqsi jekk kienx jaf bil-periklu jgħid li dejjem kien hemm periklu għaliex hija tiġrija minn fuq għal isfel anke jekk ikun hemm il-ħbula.

Huwa kien fil-punt tat-tluq, kien qed jarahom jagħmlu l-warming up taż-żwiemel. It-tiġrija kienet waħda tal-ponijiet. Warming up tal-ponijiet ma jkunx hemm. Il-warming up isir biss maż-żwiemel tat-trott. Il-ponijiet imorru u jtellqu. Jekk kien hemm xi ħadd jagħmel il-warming up ma rahx. It-tluq kien eżatt fuq il-lights ta' quddiem il-Lyceum. Il-ponijiet ikunu aktar 'l isfel mill-pompa ta' David. Minn fejn kien hu kien qed jara il-ponijiet. Il-ponijiet kien rahom weqfin. Kemm kien hemm ponijiet ma jafx, ikollu jara l-programm. Il-ponijiet kienu

hemm jippreparaw biex jitilqu kienu fit-triq. Huwa ma rax ponijiet qed jissawtu. Il-pony rah ġej jiġri minn naħa tal-pompa.

Ir-reġistrazzjoni ssir bit-telefon billi jċemplulu. Huwa jieħu isem il-pony biss. Jagħraf is-sid mill-isem tal-pony. Mhux huwa biss jieħu r-reġistrazzjonijiet pero' imbagħad kollha jaslu għandhom. Jikkonferma li f'dik il-parti fejn tela' ż-żiemel kien hemm is-security u pulizija. Huwa sema' lill-pulizija jgħid lin-nies biex ma joqogħdux hemm. Il-pony ħarab qabel ma bdiet it-tiġrija. Pero' jgħid li ma kienx rah qabel ma ħarab. Jgħid li hemm ħafna postijiet minn fejn jitilqu biż-żiemel. Hemm dawk li jitilqu minn quddiem l-Aurora, dawk li jitilqu minn quddiem id-Duke hemm oħrajn li jitilqu minn quddiem il-Lyceum u oħrajn li jitilqu minn quddiem il-Mc Donalds u hemm dawk tat-trott li jitilqu minn isfel fejn tal-Lira. Jikkonferma li ma kienx waħdu fuq l-istarting point kien hemm ħafna aktar nies. Kien hemm ukoll l-imħallfin u dawn kienu fuq trukk ħdejn l-istarting point. L-Imħallfin kienu Teddy Cefai u Warren Spiteri. Dawn ikunu jaraw it-tiġrija tat-trott. Pero' fit-tiġrijiet tal-ponijiet ma jidħlux. Ikun hemm imħallef ieħor fuq il-finishing line.

**Nathan Borg** xehed u spjega li nhar l-10 ta' Lulju, 2018 huwa kien biż-żiemel ta' Dylan Micallef l-akkużat preżenti. Kien qed iżomm iż-żiemel minn rasu. Bdew jgħajtulhom għaliex kienet ser tibda t-tiġrija tal-pony. Huwa u sejjer fuq it-tluq il-ġerrej kien għadu ser jirkeb fuqu, inqala' żiemel minn warajhom li tawh tluq biex jippruvawh u kif laqtu daqxejn bil-frostin iż-żiemel tagħhom inħasad u nqala' jiġri għal maż-żiemel l-ieħor peress li jkunu ittrejnjati għall-ġiri.

X'ħin iż-żiemel irranka bih, ipprova jżommu u ma rnexxilux. Ipprova jitfgħu għal ġol-pompa tal-petrol biex jevita disgrazzja iżda x'ħin ħadu ħabat ma' arblu u ntefa' għan-naħa tal-iskola. Mar lejn in-naħa tal-iskola bil-ġirja għax kien maħsud u maħrub. Wara l-inċident iż-żiemel ma rahx iktar. Ġew bih in-nies. Iż-

żiemel ġabru minn idejn tifel. Kien fi Triq it-Tiġrija. Ma jafx eżatt f'liema arblu ħabat.

Biex jispjega ż-żiemel tagħhom ma ntlaqat bl-ebda frosta. Ħass iż-żiemel l-ieħor jitlaq u telaq bħalu. Il-frostin li qed jisemma kien qed jintuża għaż-żiemel l-ieħor. X'ħin ġara hekk ċempel lil Dylan għaliex Dylan ma kienx hemmhekk. Dylan kien fuq il-finishing line. Maż-żiemel kien hemm miegħu ġerrej ieħor missieru li jismu Vince Borg. Dylan kien fejn tispiċċa t-tiġrija. Bil-ġurament tiegħu jgħid li Dylan ma kienx fejn iż-żiemel x'ħin seħħ l-inċident. Mistoqsi għaliex lis-surġent kien qallu li Dylan kien miegħu ħdejn iż-żiemel u issa qed jgħid li Dylan kien ħdejn il-finish line jgħid li mhux minnu li qal hekk lis-surġent.

**PS 676 Edelon Spiteri** xehed nhar it-18 ta' Frar, 2020 quddiem il-perit legali nominat mill-ewwel Qorti u spjega li fid-9 ta' Lulju, 2018 kien xogħol *extra duty* b'rabta mat-tiġrijiet taż-żwiemel ta' San Ġorg li jsiru fir-Rabat. Matul it-tiġrijiet għal ħabta tal-ħdax u nofs ta' bil-lejl jiftakar li waqt li huwa kien hemm flimkien mal-ispettur Bernard Charles Spiteri u xi pulizija oħra. Kienu faċċata il-Mc Donalds u deher li kien hemm żiemel li għal xi raġuni sfratta. Fil-fatt barra s-sewwieq li kien fuqu kien hemm tnejn oħra wieħed kull naħa jippruvaw iżommuh u jikkontrollawh. Madankollu ż-żiemel xorta baqa' jonfor u f'ħin minnhom ħarab lejn id-direzzjoni tal-għassa tal-pulizija.

Jiftakar li laqat ħarira l-bankina tan-naħa tax-xellug u minn hemm ġibed lejn fejn kien hemm il-monument ta' Ninu Cremona. Fil-fatt jiftakar li kien hemm tabella u raha timmolla x'ħin weħel magħha ż-żiemel. Huma marru mill-ewwel jaraw x'kien ġara u raw li kien hemm xi nies midruba. Parti minnhom kienu fuq il-bankina u parti oħra taħt il-bankina. Taħt iċ-ċint hemm rampa li twassal għal grownd tal-iskola tas-subien. Talbu l-għajnuna u ġiet l-ambulanza fuq il-post u l-midruba ttieħdu lejn l-isptar. Jiftakar li kienu ġew ikellmu lil Reuben Said

għan-nom ta' Tranport Malta u Alvin Grech tal-Gozo Sports Board u lil Giovanni Saliba li kien l-organizzatur fejn wara diskussjoni li saret bejniethom ġie deċiż li tieqaf it-tiġrija.

Fil-mument li seħħ l-inċident kien hemm żwiemel oħra u li kienu qegħdin iduru fit-triq bi preparazzjoni għat-tiġrija. Dawn iż-żwiemel kienu mill-istart line lura u cioe' lejn id-direzzjoni tal-Mgarr. Ma jiftakarx kemm kien hemm żwiemel pero' jista' jgħid li għaxra ma kienx hemm żgur. Normalment pero' ż-żwiemel għat-tiġrija jkunu *average* ta' ħamsa cioe' minn ħamsa 'l isfel.

Ma jafx għalfejn iż-żiemel nafar. Il-persuna li kien hemm fuqu u tnejn li kienu fil-ġenb tiegħu kienu qegħdin jippruvaw iżommuh. Dan għaliex iż-żiemel kien qiegħed jogħla fuq saqajh ta' wara. Huwa kien qed iħares f'direzzjoni oħra. Imbagħad ma jiftakarx x'kienet eżatt ir-raġuni. Inġibdet l-attenzjoni tiegħu għal dan iż-żiemel li nafar u ġara dak li spjega aktar 'il fuq. F'kull korsa jkun hemm żiemel daqxejn imqareb li jiġi kontrollat. Pero' f'din it-tiġrija partikolari dan iż-żiemel biss nafar. Ma jiftakarx li kien sfratta xi żiemel ieħor.

Rat ukoll l-affidavit tiegħu preżentat fl-atti a fol. 152 markat bħala dok KS4.

**Michael Zammit xehed u spjega li kien qiegħed fil-festa tat-Tiġrija tal-festa ta' San Ġorg** tas-sena 2018 u kien seħħ inċident f'nofs it-tiġrija. Fl-10.00p.m kien qiegħed in-naħa tal-bridge tal-iskola tas-subien u kienu qegħdin fuq il-bankina. Kien mat-tifel li jismu Dominic. F'xi ħin mar Mariano Azzopardi flimkien ma' Karistu Grech u kienu qed jitkellmu. Telgħu ħafna koros u f'xi ħin kienu qegħdin fuq il-bankina u semgħu koċċ għajjat ta' nies jgħidu "*Ersaq għal ġenb għax ġej żiemel.* Iż-żiemel għadda minn ma' ġenbu u lanqas induna li kien tajjar lil Mariano.

Wara din il-konfużjoni huwa ċċekkja ħa jara Dominic kienx intlaqat għax in-nies kienet tħawdet. Kellem lil ibnu u kien kollox sew u staqsih għal Mariano. Dominic resaq ftit 'l hemm u induna li Mariano kien intlaqat biż-żiemel. Iż-żiemel ma rahx jisfratta. Wiċċu kien fid-direzzjoni tal-pjazza Tokk. Bin-nies madwaru ma setgħax jara ż-żiemel mill-bogħod.

Jgħid in kontro-eżami li l-kulur taż-żiemel kien kulur il-ħarrub jew sewdieni. Sewwieq fuqu ma kienx hemm. Kellu xi ħbula jkaxkru warajh. Ma jafx jekk dawn il-ħbula kienu tal-kappestru jew ċineg. Iż-żiemel waħdu kien u dan waqaf xi ħames metri 'l boghod minnu. Ġew xi nies u ġabruh pero' min kienu dawn in-nies ma jafx. Huwa ma ra lil ħadd aktar imweġġa minbarra Mariano. Lil Mariano semgħu jgħajjat bl-uġiegħ u kien interessat jara kif kien u għalhekk mar ħdejh.

Huwa kien ilu fil-post fejn seħħ l-inċident minn meta bdew it-tiġrijiet. Mariano ma kienx ħdejh il-ħin kollu. Kien ilu ħdejh xi kwarta qabel ma seħħ l-inċident. It-tluq kien fejn il-pompa tal-petrol ta' Azzopardi. Huwa kien quddiem il-bridge tal-iskola u Mariano kien fejnu. Kienu qegħdin imbegħdin żewg piedi. F'dik it-tiġrija ma kienx qed jagħti każ iż-żwiemel. Dak il-ħin huwa u Mariano kienu ma ġenb xulxin u kienu qegħdin jitkellmu. Madwarhom kien hemm nies oħra. Kien hemm ħafna nies. Mariano kien aktar lejn il-bankina fuq il-lemin tiegħu u kien quddiemu. Dominic kien ma' ġenbhom iżda mbagħad fit-tgerfix tan-nies lil Dominic ma rahx iktar.

**Dominic Zammit** stqarr li jaf li fit-tiġrija ta' San Ġorg ta' 2018 kien seħħ inċident u dan għall-ħabta tal-10.00p.m. Jgħid li kien mar jara ż-żwiemel ma' missieru. Magħhom kien hemm ukoll Mariano u l-għarusa tieghu. Kienu qegħdin jitkellmu flimkien in-naħa tal-iskola ħdejn il-bridge aktar lejn ir-Rabat. Jaf li kienu eżatt faċċata tal-ħanut li jbiegħ il-basktijiet u żraben tan-nisa.

Filli qegħdin jitkellmu u filli semgħu koċċ għajjat. In-nies bdew jiġru u huwa beda jiġri bħalhom. Jaf li għadda żiemel minn magħhom. Imbagħad ra xi nies mimdudin mal-art. Huwa beda jfittex lill-missieru u lit-tfajla biex jara fejn kienu. X'ħin sabhom ma baqgħux fil-post fejn kienu iżda ħarġuħa nofs tat-triq.

Jgħid li lil Mariano rah mal-art u lil missieru qallu li kienu laqtu lil Mariano. Huwa mar fejn Mariano iżda mbagħad laħqu marru l-pulizija u keċċew lil kulhadd 'l hemm. Mariano kien ilu fejnhom xi għoxrin minuta. Madwarhom in-nies. Kien hemm ħafna nies. It-tluq tat-tiġrijiet kien aktar 'l isfel minnhom lejn id-direzzjoni tax-Xatt. Il-line tat-tluq kien ħdejn il-pompa tal-petrol. Iż-żwiemel qabel l-inċident rahom. Ma jafx jekk dan iż-żiemel kienx involut f'dan l-inċident fuq l-istart jew le. Huwa ż-żiemel ma rahx ġej ma kienx qed iħares lejn it-triq. Huwa kien qed iħares lejn il-Mall u kienu qaqocca ta' erbgħa jitkellmu. Mariano kien faċċata tiegħu u allura kien qed iħares lejn in-naħa tat-tluq. Induna biż-żiemel x'ħin bdew jgħajtu n-nies. L-ewwel li nduna biż-żiemel kien Mariano għax beda jgħidilhom xi ħaġa ra "Ara hemm" qisu induna li kien ġara xi ħaġa. Dan kien ftit sekondi qabel ma seħħ l-inċident. Sa dak il-ħin kienu qegħdin jitkellmu l-erbgħa li huma b'mod normali.

**Vince Borg** xehed u qal li l-inċident seħħ għall-ħabta tal-10.00p.m. Huwa kien ma' ibnu Nathan biż-żiemel. Huwa kien qed jilbes biex jirkeb iż-żiemel u Nathan kien qed iżommu. Mar żiemel ieħor minn wara u ż-żiemel li kien qed iżomm Nathan semgħu u nqala biex jitlaq. Nathan ipprova jżommu u baqa' jitkaxkar miegħu u ma żammux. Iż-żiemel imbagħad telaq la ġenba lejn l-iskola. Iż-żiemel ħabat ġol-arblu. Ma jafx x'arblu kien. Dan l-arblu kien in-naha tal-iskola u ż-żiemel waqa' x'ħin ħabat. Iż-żiemel qabduh in-nies. Ħadulu. Qabel iż-żiemel nafar huwa pprova jżommu pero' mbagħad ħadu. Dylan jafu għax isuqlu ż-żiemel. Ilu jafu xi erba' snin. Lil Dylan wara l-inċident kien jarah għaddej fit-

triq u jsellimlu. Illum il-ġurnata m'għadux isuq. Ġieli jara bniedem u ma jkunx jafu wkoll u jkellmu. Jgħid li x'ħin ġabulu ż-żiemel kien hemm Nathan ukoll miegħu. Wara mbagħad niżlu Malta. Lil Dylan għarfu b'dak li kien ġara u mar ħdejhom għaż-żiemel. Hu niżel bil-mixi mill-*finish line* wara li seħħ l-inċident. Il-pulizija lilu ma jkellmuhx. Ma jafx jekk Nathan kellmux. Ma jafx jekk Nathan kienx il-ħin kollu miegħu.

**WPS 100 Lorraine Grech Mifsud** xehdet permezz ta' affidavit u tgħid li ġiet mitluba tixhed dwar il-permessi li nħarġu għat-tiġrija taż-żwiemel li saret nhar id-9 ta' Lulju, 2018. Tgħid li mill-uffiċċju tagħhom ma nħareg l-ebda permess għal din l-attivita'. Dawn it-tip ta' permessi ma jinħargux mingħand il-pulizija iżda mit-Transport Malta. Rigward is-sigurta' li kien hemm dakinhar ma tistax tixhed peress li d-detail tal-pulizija ta' dakinhar saret mill-1st SM 755 Francis Gauci.

**PS 715 Lucian Gatt** xehed quddiem il-perit legali nominat mill-Qorti u spjega li dakinhar tal-inċident kien on duty mal-korsa. Kien xogħol l-għassa r-Rabat għal dak li jinqala. Kien hemm pulizija oħra extra li kienu duty mat-tiġrija. Mistoqsi sa fejn kien involut b'referenza għad-dikjarazzjoni li hemm fl-affidavit tiegħu jgħid li meta infurmaw b'dan l-inċident dakinhar kien l-isptar Għawdex għaliex qabel kienu tajru lill-mara tiegħu. Qal li kien hemm żewġ *traffic accidents* li fihom kienu weġġgħu n-nies. Meta tkellem mat-tabib tal-Emerġenza ma setax jagħtih informazzjoni bħala ġrieħi u allura kien ħalla *handover* lil PS 1407 Frank Portelli. Infatti hemm *update* fir-rapport bid-dikjarazzjonijiet tan-nies li kienu sfaw imweġġa. Ir-riferenza għan-nies li hemm fl-affidavit tiegħu fl-ebda ħin ma tkellmu miegħu. Huwa rraporta dak li kien qallu PS 1407. Mistoqsi mill-perit legali x'kien l-involviment tiegħu fl-investigazzjoni jgħid li ġabar l-informazzjoni li seta' jiġbor u mbagħad bħala verżjonijiet kien ħalla *handover* f'idejn PS 1407 kif ġja spjega. Jispjega li kien beda x-xogħol fid-9 ta' Lulju 2018 fit-8.00p.m u spiċċa

fil-5.00a.m tal-għada l-10 ta' Lulju 2018. Il-verżjonijiet li kien ħa PS 1407 ħadhom l-għada li kien seħħ l-inċident. Huwa ma kienx preżenti meta PS 1407 ġabar il-verżjonijiet.

Mistoqsi jekk lill-akkużat jafux jgħid li l-ispettur Spiteri kien talbu iċempillu. Huwa ċempillu mill-għassa tal-pulizija, tah id-drittijiet legali tiegħu inkluż id-dritt li jkellem avukat qabel ikellem lilu. Dan għaliex ried joħodlu l-verżjoni tiegħu tal-inċident. Hu kien qallu li ma riedx avukat u kien tah il-verżjoni. Il-verżjoni tahielu fuq it-telefon għax kien Malta. Ma jiftakarx eżattament wara kemm kellmu. Jidhirlu li kienet għaddiet xi ġimgha meta kellmu. Dan għaliex huma ma kinux jafu ta' min hu ż-żiemel. Kien l-ispettur Spiteri li indikalu lil Dylan Micallef u tah struzzjonijiet biex joħodlu l-verżjoni tiegħu. Huwa ma setgħax jagħraf lill-akkużat fl-awla għaliex kien kellmu biss fuq it-telefon. Qal li qabel ma kellmu kien tah il-karta ta' identita' tiegħu u cioe' n-numru 69794(M). Qatt ma talab lill-akkużat jattendi l-għassa. Huwa informa lill-ispettur li kien ħadlu l-verżjoni tiegħu. Lil Nathan Borg qatt ma kien kellmu.

Rat li l-partijiet kienu ftehmu li jinżamm aċċess nhar it-23 ta' Frar, 2021. Mariano jgħid waqt l-aċċess li kien qiegħed ftit 'l isfel mil-lights bejn il-ħwienet Gozo Prime u 202 Jewellery faċċata tagħhom mal-ħajt tal-iskola. Il-pompa tal-petrol li għamel referenza hija dik ta' Azzopardi. Iż-żiemel kien qiegħed ħdejn il-pompa tal-petrol ta' Azzopardi preċiżament fejn l-arblu tad-dawl li hemm qrib il-ħanut Gajet. Iż-żiemel kienu qed isawtuh. Mistoqsi jekk kienx hemm aktar min wieħed li kien qed isawwat iż-żiemel, jgħid li kien hemm wieħed biss u żewġ min-nies iżommu ż-żiemel. Jgħid li x'ħin iż-żiemel ħarab minn ħdejn il-pompa tal-petrol kif indikat Giovann il-Qajru prova jżommu iżda ma rnexxielux u ż-żiemel baqa' dieħel ġo fih u kissru mal-ħajt u spiċċa jibki u jgħajjat. Kulħadd ħares lejh. Sid iż-żiemel qabad iż-żiemel u telaq 'l hemm. Ra lis-sid iż-żiemel jieħdu 'l hemm.

Huwa ra lill-akkużat Dylan Micallef jieħu ż-żiemel. Jgħid li kien disgħa u disgħin fil-mija ċert li kien hu.

Rat ukoll l-affidavit tiegħu esebit fl-atti a fol 155 markat bħala dok KS 6.

Dakinhar tal-aċċess, l-ambjenti kienu differenti. Iż-żiemel tefghu 'l isfel u rassu mal-ħajt u tefgħu 'l isfel. X'hin ħabtu, iż-żiemel kien hemm ċint għal isfel.

Waqt l-aċċess Dr. Larry Formosa irrileva li l-ambjent li fih sar l-aċċess huwa strutturalment differenti minn dak li kien meta seħħ l-inċident u waqt l-aċċess ta' dakinhar. Kien hemm *cladding* tul l-iskola kollha li timpedixxi lill-parte ċivile milli jara u jesplora l-inċident.

Rat l-affidavit ta' **Dr Melanie Farrugia** esebit fl-atti a fol. 150 markat bħala dok KS2 fejn hemm deskritt li hija eżaminat lil Daniel Mercieca nhar id-9 ta' Lulju 2018 u tgħid li l-feriti li ssubixxa Daniel Mercieca kienu ta' natura ħafifa. Rat ukoll l-affidavit tagħha redatt fil-konfront ta' Joseph Grech fejn ikkonfermat li l-feriti subiti minnu kienu ta' natura gravi[10].

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti datat 30 ta' Marzu 2022 fejn l-ewwel Qorti kienet innominat lil Dr. Mario Scerrri sabiex jeżamina lil Joseph Grech u nhar is-17 ta' Mejju 2022 xehed permezz ta' *video conferencing* u ppreżenta r-relazzjoni tiegħu li ġie markat bħala dok MS[11] u kkonferma li ċ-ċikatriċi li għandu Joseph Grech ma tidhirx minn *a walking distance*. Jiċħad li kien hemm xi fratturi fis-snien tiegħu u qatt ma kien ilmenta fuq uġiegh fl-ispalla l-leminija.

---

[10] Fol 184 dok MF
[11] Fol. 188 tal-proċess

Nhar is-17 ta' Mejju, 2022 xehed **Dr Michael Refalo** u kkonferma li d-dokumenti mediċi esebiti fil-proċess huma kopja ta' dawk li jinsabu fil-medical history file tal-isptar ta' Joseph Grech.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lil diversi xhieda jixhdu kemm dawk li huma xhieda okulari, kemm dawk li huma xhieda li rrelataw dak li ntqal lilhom u għalhekk sakemm dik ix-xhieda ġiet ikkonfermata mis-sors mhix xhieda ammissibli, u xhieda li ma ratx il-bidu tal-inċident għalkemm raw iż-żiemel imur għan-naħa l-oħra tat-triq fid-direzzjoni tan-nies li kien hemm fuq il-bankina. Żgur pero' fost ix-xhieda li ġew imħarrka biex jixhdu kien hemm Eucharist Grech u Mariano Azzopardi li t-tnejn qalu li raw il-bidu tal-inċident u cioe' il-mument qabel ma ż-żiemel għola minn saqajh ta' quddiem, tnaffar u minkejja li kien hemm żewg min-nies iżommuh xorta ż-żiemel irnexxielu jaħrab u jitlaq qisu kanun għan-naħa l-oħra tat-triq. Kemm Eucharist Grech u Mariano Azzopardi t-tnejn jgħidu li ż-żiemel tnaffar għaliex l-akkużat li huma għarfu anke għaliex kien liebes nuċċali u mhux sempliċiment għaliex kien liebes nuċċali. Fil-fatt jagħmlu enfasi u jgħidu li hu biss kien liebes in-nuċċali waqt li t-tnejn l-oħra li kienu qed iżommuh waqt li l-akkużat tah bil-frosta ma kellhomx nuċċali kienu żgħar fl-eta' bejn 20 u 30 sena. Id-difiża ssostni li l-prosekuzzjoni ma ressqitx l-aħjar prova għaliex ma ressqitx persuna biex tesebixxi s-CCTV cameras li kien hemm installati f'diversi postijiet waqt it-tiġrija. Jingħad li fl-ewwel lok dawk ma jfissirx li kienu jkunu ta' interess għall-eżitu ta' dawn il-proċeduri u dan għaliex mhux kontestat li Mariano Azzopardi, Joseph Grech u Daniel Mercieca weġġgħu bħala riżulat tad-daqqa li qalgħu biż-żiemel. Is-CCTV cameras mhux bilfors setgħu jagħtu deskrizzjoni ta' dak li ġara qabel ma ż-żiemel nafar u cioe' x'kien il-kaġun li wassal iż-żiemel biex jonfor. Fiċ-ċirkostanzi odjerni din il-Qorti tħoss li x-xhieda mogħtija minn dawn iż-żewg vittmi hija xhieda kredibbli fid-dawl ta' dak li ġara u għalhekk m'għandhiex għalfejn tiddubitahom.

Illi minn eżami tas-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti jirriżulta li d-difiża m'għamlitx l-istess trattazzjoni quddiem din il-Qorti u lanqas ma ressqet aggravji fir-rigward ta' dak li ġie trattat quddiem l-ewwel Qorti u cioe' dwar preskrizzjoni jew dwar il-fatt li ħafna mix-xhieda xehdu quddiem espert legali a kuntrarju ta' dak li tiddisponi l-liġi. Stante li aggravju f'dan ir-rigward ma ġiex preżentat quddiem din il-Qorti, hija mhix ser tittratta dawk il-kwistjonijiet fis-sentenza tagħha u tagħmel referenza għal dak li qalet l-ewwel sentenza fid-decide tagħha f'dan ir-rigward. Lanqas ma l-appellant ma ppreżenta xi aggravju dwar in-natura tal-feriti subiti mill-vittmi qisha donnha aċċettat dak li stqarret l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ai fini tan-natura tal-feriti subiti. Fil-fatt il-feriti subiti minn Daniel Mercieca, Joseph Grech u Mariano Azzopardi lkoll ġew ċertifikati minn esperti mediċi u di piu' t-tobba li eżaminaw lill-istess vittmi anke kkonfermaw iċ-ċertifikati tagħhom permezz ta' affidavit għalkemm ma kinux obbligati li jagħmlu dan.

Għalhekk din il-Qorti hija rinfaċċjata biss fuq l-aggravji ta' nuqqas ta' apprezzament tal-provi fid-dawl ta' nuqqas tal-aħjar prova mressqa. Ma hemmx dubju li kif stqarret l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha li Azzopardi kellu viżjoni perfetta ta' dak li kien qed jiġri ħdejn Azzopardi Petrol Station li tinsab fin-naħa opposta ta' fejn kienet qed issir it-tiġrija. Minkejja li kien bil-lejl u dan għaliex l-inċident seħħ għall-ħabta tal-10.00 p.m it-triq kienet imdawla ħafna għall-okkażjoni u anke kif jixhed ir-ritratt dok MA3 ħdejn il-pompa fejn kien hemm iż-żwiemel kien hemm ukoll arblu tad-dawl. Josianne Buttigieg tikkonferma li t-triq kienet imdawla. Tgħid li kien qisu bi nhar bid-dawl li kien hemm. Eucharist Grech jgħid li bħala dawl kien hemm l-ispot lights imdendlin tul it-triq kollha.[12] Manwela Cassar ukoll tikkonferma li ż-żiemel tfaċċa minn ħdejn il-pompa. [13] Eucharist Grech jikkonferma li ż-żiemel ġie mid-direzzjoni tal-pompa wara li

[12] Fol. 64 tal-atti
[13] Fol. 64 tal-atti

kien qed jiġi msawwat fuq il-parti tiegħu bi frostin minn Dylan Micallef[14] u minkejja li kien hemm żewġ minn nies iżommuh dan sfratta u telaq jiġri 'sparat qisu balla ta' kanun[15].

Mariano Azzopardi xehed diversi drabi u dejjem baqa' konsistenti fil-verżjoni li ta għalkemm ma għarafx il-pjanta esebita u dan għaliex qal li ma jafx jikteb u jaqra. Meta spjega kif seħħ l-inċident kien ċar ħafna u konsistenti f'dak li qal minkejja d-diversi drabi li sarlu l-kontro-eżami.

Fir-rigward tal-identifikazzjoni l-ewwel u qabel kollox hemm l-identifikazzjoni li ssir minn Eucharist Grech u Mariano Azzopardi tal-persuna tal-imputat f'okkażjoni preċedenti għal meta ż-żiemel nafar u ħareġ jiġri 'l hemm. Illi r-regoli illi tfasslu fil-**kawża R vs Turnbull** fl-Ingilterra kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti għalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola taħt il-liġi Maltija, madanakollu huma linji gwida fil-każ tal-identifikazzjoni tal-persuna akkużata. Illi dana ġie ukoll sottolinjat f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Zammit** (deċiża 16 ta' Lulju 1998) fejn il-Qorti tat espożizzjoni tar-regoli Turnbull fid-deċizjoni tagħha:

*First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

[14] Fol 140 -141 tal-proċess.
[15] Fol. 63 tal-atti.

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At whatdistance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen theaccused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger".*

F'dan il-każ kien hemm ir-recognition u għalhekk ma kienx hemm lok li jsir l-identifikazzjoni tal-akkużat. Kemm Eucharist Grech u Mariano Azzopardi għarfu l-akkużat u din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita dak li qalu f'dan ir-rigward. Jinghad li x-xhieda ta' Nathan Borg u missieru Vince Borg li suppost

kienu qed iżommu ż-żiemel m'għandhiex mis-sewwa u mhix korroborta minn ebda ċirkostanza anzi hija mċaħħda minn provi oħra.

Illi jirriżulta li l-aprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti fir-rigward tax-xhieda prodotta għandha mis-sewwa u din il-Qorti li hija xejn inqas minn Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex għalfejn ma tapprezzax l-eżami li sar minnha. Kien għalhekk li l-ewwel Qorti waslet għall-ġudizzju li huwa *safe & Satisfactory* u li għandu jiġi abbraċċjat minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi għalhekk l-ewwel żewġ aggravji qed jiġu miċħuda.

Fir-rigward tat-tielet aggravju u cioe' li l-piena mogħtija hija waħda eċċessiva jingħad li in primis illi huwa prinċipju ormai stabbilit li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:
*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J*

*said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma

żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva.

Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun ogħla minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

*8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butle**r tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-ewwel qorti.

Ma hemmx dubju li l-piena inflitta taqa' fil-parametri tal-piena preskritta mill-liġi. Fil-kunsiderazzjoni tagħha tal-piena l-ewwel Qorti qieset il-fedina penali tal-appellant, in-natura tar reati li nstab ħati tagħhom kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fosthom dak li jirrisali għall-2018. Rat ukoll li fir-rigward tar-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni japplika l-prinċipju tal-konkors formali jew ideali ta' reat fejn fil-każ in diżamina l-piena tkun l-istess waħda kif ravviżata bl-artikolu 45 (1) (a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-annimali Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta. Finalment ħadet in kunsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-aġir tal-appellant kien wieħed krudili u din il-Qorti żżid ukoll il-kelma *non chalant,* daqs kemm hu spavaldat wassal sabiex il-ħajja ta' Azzopardi tinbidel mil-lejl għan-nhar filwaqt li għal żmien Grech sofra sfreġju u Mercieca sofra feriti ħfief. Fil-fehma tal-ewwel Qorti multa waħedha ma kinitx tkun il-piena idoneja li tirrifletti s-serjeta' tal-għemil tal-appellant fejn l-għemil tiegħu kkawża tant sofferenza mhux biss għaż-żiemel iżda għal xejn anqas minn tlett minn nies u kien għalhekk li kkundannat lill-appellant għall-piena ta' priġunerija sospiża.

Din il-Qorti għalhekk rat li l-ewwel Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ qabel ma applikat il-piena idoneja. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida għaliex

għandha tiddipartixxi mill-istess piena mogħtija u għalhekk qegħda tikkonferma kemm is-sentenza fil-mertu tagħha kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

Qegħda wkoll tikkonferma l-ordni tal-ewwel Qorti li tikkundanna lill-appellant iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti fl-ammont ta' €846.51 u tordna li dawn jitħallsu fi żmien xahar mil-lum.

Tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali bil-għan li tieħu ħsieb tiġbor l-ispejjeż involuti f'dan il-każ fl-għeluq ix-xahar.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
**Imħallef**

(ft) Mary Jane Attard
**Deputat Reġistratur**

Vera Kopja

Għar-Reġistratur